

# Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)



Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)

## **Opinjoni 18/2018**

**dwar l-abbozz tal-lista tal-awtorità superviżorja kompetenti tal-Portugall  
rigward**

**l-operazzjonijiet ta' pproċessar soġġetti għar-rekwiżit ta' valutazzjoni tal-  
impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (l-Artikolu 35(4) tal-GDPR)**

**Adottata fil-25 ta' Settembru 2018**

Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.

## Werrej

1.	Sommarju tal-Fatti .....	4
2.	Valutazzjoni.....	5
2.1	Raġunament ġenerali tal-EDPB rigward il-lista ppreżentata.....	5
2.2	Applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' konsistenza għall-abbozz tal-lista .....	6
2.3	Analiżi tal-abbozz tal-lista.....	6
	Referenza għal-Linji Gwida .....	6
	<i>Data</i> bijometrika .....	6
	<i>Data</i> ġenetika.....	7
	<i>Data</i> ta' lokalizzazzjoni.....	7
	Ipproċessar għal finijiet xjentifiċi jew storiċi mingħajr kunsens .....	7
	Ipproċessar ulterjuri.....	7
	Eċċezzjonijiet mill-obbligu li jiġi informat is-suġġett tad- <i>data</i> skont l-Artikolu 14(5) tal-GDPR .....	7
	Monitoraġġ tal-impjegati.....	8
	Proċessar li jsir bl-għajnuna ta' impjant.....	8
	Interfaċċi ta' Tagħmir elettroniku personali mhux protett minn qari mhux awtorizzati ...	8
	Ipproċessar bl-użu ta' teknoloġija ġdida / innovattiva .....	8
3.	Konklużjonijiet / Rakkomandazzjonijiet.....	9
4.	Kummenti tal-aħħar.....	10

## Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 63, l-Artikolu 64(1)(a), minn (3) sa (8) u l-Artikolu 35(1), (3), (4), (6) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem il-“GDPR” - Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018,

Wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu tal-25 ta' Mejju 2018,

Billi:

(1) Ir-rwol ewlieni tal-Bord huwa li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tar-Regolament 2016/679 (minn hawn 'il quddiem il-“GDPR”) fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha. F'konformità mal-Artikolu 64(1) tal-GDPR, il-Bord għandu joħroġ opinjoni meta awtorità superviżorja jkun biħsiebha tadotta lista ta' operazzjonijiet ta' pproċessar soġġetti għar-rekwiżit ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 35(4) tal-GDPR. L-għan ta' din l-opinjoni huwa, għalhekk, li jinholq approċċ armonizzat fir-rigward tal-ipproċessar, li jkun transfruntier jew li jista' jaffettwa l-moviment ħieles tad-*data* personali jew ta' persuna fiżika fl-Unjoni Ewropea kollha. Għalkemm il-GDPR ma jimponix li jkun hemm lista unika, huwa jipromwovi l-konsistenza. Il-Bord jipprova jikseb dan il-għan fl-opinjonijiet tiegħu, l-ewwel nett billi jitlob lill-SAs jinkludu xi tipi ta' pproċessar fil-listi tagħhom, it-tieni billi jitlobhom ineħħu xi kriterji li l-Bord ma jikkunsidrax bħala li neċessarjament joħolqu riskji kbar għas-suġġetti tad-*data*, u fl-aħħar nett billi jitlobhom jużaw xi kriterji b'mod armonizzat.

(2) B'referenza għall-Artikolu 35(4) u (6) tal-GDPR, l-awtoritajiet superviżorji kompetenti għandhom jistabbilixxu listi tat-tip ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li huma soġġetti għar-rekwiżit ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (minn hawn 'il quddiem id-“DPIA” - data protection impact assessment). Huma għandhom, madankollu, japplikaw il-mekkaniżmu ta' konsistenza meta listi bħal dawn ikunu jinvolvu operazzjonijiet ta' pproċessar li jkunu relatati mal-offerta ta' oġġetti jew servizzi lis-suġġetti tad-*data* jew mal-monitoraġġ tal-imġiba tagħhom f'diversi Stati Membri, jew jistgħu jaffettwaw sostanzjalment il-moviment ħieles tad-*data* personali fi ħdan l-Unjoni.

(3) Filwaqt li l-abbozzi tal-listi tal-awtoritajiet superviżorji kompetenti huma soġġetti għall-mekkaniżmu ta' konsistenza, dan ma jfissirx li jenħtieġ li l-listi jkunu identiċi. L-awtoritajiet superviżorji kompetenti għandhom marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-kuntest nazzjonali jew reġjonali u jenħtieġ li jqisu l-leġiżlazzjoni lokali tagħhom. L-għan tal-valutazzjoni /

opinjoni tal-EDPB mhuwiex li tinkiseb lista unika tal-UE, iżda pjuttost li jiġu evitati inkonsistenzi sinifikanti li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni ekwivalenti tas-suġġetti tad-*data*.

(4) It-twettiq ta' DPIA huwa mandatorju biss għall-kontrollur skont l-Artikolu 35(1) tal-GDPR, meta l-ipproċessar "x'aktarx jirriżulta f'livell għoli ta' riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi". L-Artikolu 35(3) tal-GDPR juri dak li x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli. Din hija lista mhux eżawrjenti. Fil-Linji Gwida dwar il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*<sup>1</sup>, kif approvati mill-EDPB<sup>2</sup>, il-Grupp ta' Ħidma 29 iċċara l-kriterji li jistgħu jgħinu jidentifikaw meta l-operazzjonijiet ta' pproċessar ikunu soġġetti għar-rekwiżit ta' DPIA. Il-Linji Gwida WP248 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 jiddikjaraw li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, kontrollur tad-*data* jista' jqis li pproċessar li jissodisfa żewġ kriterji jkun jeħtieġ li titwettaq DPIA. Madankollu, f'xi każijiet, kontrollur tad-*data* jista' jqis li pproċessar li jissodisfa wieħed biss minn dawn il-kriterji jkun jeħtieġ DPIA.

(5) Il-listi prodotti mill-awtoritajiet superviżorji kompetenti jappoġġaw l-istess objettiv biex jidentifikaw operazzjonijiet ta' pproċessar li x'aktarx jirriżultaw f'riskju għoli u operazzjonijiet ta' pproċessar li għalhekk jeħtieġu DPIA. Bħala tali, jenħtieġ li jiġu applikati l-kriterji żviluppati fil-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 meta jiġi vvalutat jekk l-abbozzi tal-listi tal-awtoritajiet superviżorji kompetenti jostakolawx l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR.

(6) Tnejn u għoxrin awtorità superviżorja kompetenti ppreżentaw l-abbozzi tal-listi tagħhom lill-EDPB. Valutazzjoni globali ta' dawn l-abbozzi tal-listi tappoġġa l-objettiv ta' applikazzjoni konsistenti tal-GDPR, minkejja li minħabba f'hekk tiżdied il-kumplessità tas-suġġett.

(7) L-opinjoni tal-EDPB għandha tiġi adottata skont l-Artikolu 64(3) tal-GDPR b'rabta mal-Artikolu 10(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB fi żmien tmien ġimgħat mill-ewwel jum tax-xogħol wara li l-President u l-awtorità superviżorja kompetenti jkunu ddeċidew li l-fajl huwa komplut. B'deċiżjoni tal-President, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat addizzjonali, meta titqies il-kumplessità tas-suġġett.

## **ADOTTA L-OPINJONI:**

### **I. Sommarju tal-Fatti**

Il-Comissão Nacional de Protecção de Dados - CNPD (minn hawn 'il quddiem Awtorità Superviżorja Portugiża) ippreżentat l-abbozz tal-lista tagħha lill-EDPB. Id-deċiżjoni dwar il-kompletezza tal-fajl ittiegħdet fil-10 ta' Lulju 2018. Il-perjodu li fih l-opinjoni għandha tiġi adottata ġie estiż sal-25 ta' Settembru filwaqt li tqiesu l-kumplessità tas-suġġett u l-fatt li 22

---

<sup>1</sup> WP29, Linji Gwida dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* u li jiddeterminaw jekk l-ipproċessar "x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli" għall-finijiet tar-Regolament 2016/679 (WP 248 rev.01).

<sup>2</sup> EDPB, Approvazzjoni 1/2018.

awtorità supervizzorja kompetenti ppreżentaw l-abbozzi tal-listi fl-istess ħin u b'hekk saret meħtieġa valutazzjoni globali.

## 2. Valutazzjoni

### 2.1 Raġunament Ġenerali tal-EDPB rigward il-lista ppreżentata

Kull lista ppreżentata lill-EDPB għet interpretata bħala li tkompli tispeċifika l-Artikolu 35(1), li se jipprevali fi kwalunkwe każ. B'hekk, l-ebda lista ma tista' tkun eżawrjenti.

F'konformità mal-Artikolu 35(10) tal-GDPR, il-Bord huwa tal-fehma li jekk DPIA tkun diġà twettqet bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt ġenerali fil-kuntest tal-adozzjoni tal-bażi ġuridika, l-obbligu li titwettaq DPIA skont il-paragrafi minn 1 sa 7 tal-Artikolu 35 tal-GDPR ma japplikax, sakemm l-Istat Membru ma jqishiex neċessarja.

Barra minn hekk, jekk il-Bord jitlob DPIA għal ċerta kategorija ta' pproċessar, u d-dritt nazzjonali diġà jipprevedi miżura ekwivalenti, l-Awtorità Supervizzorja Portugiża għandha żżid referenza għal din il-miżura.

F'din l-opinjoni mhumiex ikkunsidrati l-entrati ppreżentati mill-Awtorità Supervizzorja Portugiża, li tqiesu li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 35(6) tal-GDPR. Dan jirreferi għal entrati li la għandhom x'jaqsmu "mal-offerta ta' oġġetti jew servizzi lis-suġġetti tad-*data*" f'diversi Stati Membri u lanqas mal-monitoraġġ tal-imġiba ta' suġġetti tad-*data* f'diversi Stati Membri. B'mod addizzjonali, mhuwiex probabbli li "jaffettwaw sostanzjalment il-moviment ħieles tad-*data* personali fi ħdan l-Unjoni". Dan huwa b'mod speċjali l-każ għal entrati relatati mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u b'mod partikolari meta l-obbligu li titwettaq DPIA jkun stipulat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet ta' pproċessar kollha li għandhom x'jaqsmu mal-infurzar tal-liġi ma ġewx ikkunsidrati, peress li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR.

Il-Bord innota li diversi awtoritajiet supervizzorji inkludew fil-listi tagħhom xi tipi ta' pproċessar li neċessarjament huma pproċessar lokali. Peress li l-Artikolu 35(6) jikkonċerna biss l-ipproċessar transfruntier u l-ipproċessar li jista' jaffettwa l-moviment ħieles tad-*data* personali u tas-suġġetti tad-*data*, il-Bord mhux se jikkummenta dwar dan l-ipproċessar lokali.

L-opinjoni għandha l-għan li tiddefinixxi qalba konsistenti ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li jkunu rikorrenti fil-listi pprovduti mill-awtoritajiet supervizzorji.

Dan ifisser li, għal għadd limitat ta' tipi ta' operazzjonijiet ta' pproċessar, li se jiġu ddefiniti b'mod armonizzat, l-Awtoritajiet Supervizzorji kollha se jitolbu li titwettaq DPIA u l-Bord se jirrakkomanda lill-SAs jemendaw il-listi tagħhom skont dan biex jiżguraw il-konsistenza.

Jekk din l-opinjoni ma tindirizzax ċerti DPIAs li huma elenkati fil-lista ppreżentata, dan ikun ifisser li l-Bord mhuwiex qed jitlob lill-Awtorità Supervizzorja Portugiża tiegħu azzjoni ulterjuri.

Fl-aħħar nett, il-Bord ifakkar li t-trasparenza hija kruċjali għall-kontrolluri tad-*data* u għall-proċessuri tad-*data*. Sabiex jiċċara l-entrati fil-lista, il-Bord huwa tal-opinjoni li referenza espliċita fil-listi, għal kull tip ta' pproċessar, għall-kriterji stabbiliti fil-linji gwida, tista' ttejjeb din it-trasparenza. Għaldaqstant, il-Bord huwa tal-fehma li mal-lista tista' tiżdied spjegazzjoni dwar il-kriterji meqjusa mill-Awtorità Superviżorja Portugiża waqt il-ħolqien tal-lista.

## 2.2 Applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' konsistenza għall-abbozz tal-lista

L-abbozz tal-lista ppreżentat mill-Awtorità Superviżorja Portugiża huwa marbut mal-offerta ta' oġġetti jew servizzi lis-suġġetti tad-*data* jew mal-monitoraġġ tal-imġiba tagħhom f'diversi Stati Membri u / jew jista' jaffettwa sostanzjalment il-moviment ħieles tad-*data* personali fi ħdan l-Unjoni, primarjament minħabba li l-operazzjonijiet ta' pproċessar fl-abbozz tal-lista ppreżentat mhumiex limitati għal suġġetti tad-*data* f'dan il-pajjiż.

## 2.3 Analiżi tal-abbozz tal-lista

Meta jitqies li:

- a. L-Artikolu 35(1) tal-GDPR jitlob DPIA meta l-attività ta' pproċessar x'aktarx tirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi; kif ukoll
- b. L-Artikolu 35(3) tal-GDPR jipprovdi lista mhux eżawrjenti tat-tipi ta' pproċessar li jeħtieġ DPIA,

il-Bord huwa tal-opinjoni li:

### REFERENZA GĦAL-LINJI GWIDA

Il-Bord huwa tal-fehma li l-analiżi li saret fil-Linji Gwida WP 248 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 huma element ewlieni biex tiġi żgurata l-konsistenza fl-Unjoni kollha. B'hekk, huwa jitlob lill-Awtoritajiet Superviżorji differenti jżidu dikjarazzjoni mad-dokument li jinkludi l-lista tagħhom, li tiċċara li l-lista tagħhom hija bbażata fuq dawn il-linji gwida u li hija tikkomplementa u tkompli tispeċifika l-linji gwida.

Peress li d-dokument tal-Awtorità Superviżorja Portugiża ma fihx tali dikjarazzjoni, il-Bord jirrakkomanda lill-Awtorità Superviżorja Portugiża temenda d-dokument tagħha skont dan.

### DATA BIJOMETRIKA

Fil-lista li ġiet ippreżentata mill-Awtorità Superviżorja Portugiża għal opinjoni tal-Bord tirreferi għall-fatt li l-ipproċessar ta' *data* bijometrika waħdu huwa soġġett għall-obbligu li ssir DPIA. Il-Bord huwa tal-fehma li l-ipproċessar tad-*data* bijometrika waħdu x'aktarx ma jirrappreżentax neċessarjament riskju għoli. Madankollu, jekk l-ipproċessar ta' *data* bijometrika għall-iskop tal-identifikazzjoni ta' persuna fiżika b'mod uniku flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor jeħtieġ DPIA. Bħala tali, il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża temenda l-lista tagħha skont dan, billi żżid li l-entrata li tirreferi għall-ipproċessar ta' *data* bijometrika għall-iskop li tiġi identifikata persuna fiżika b'mod uniku jeħtieġ li ssir DPIA biss meta ssir flimkien ma' tal-anqas kriterju ieħor, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 35(3) tal-GDPR.

## DATA ĠENETIKA

Fil-preżent il-lista ppreżentata mill-Awtorità Superviżorja Portugiża għal opinjoni tal-Bord tirrikjedi DPIA għall-ipproċessar ulterjuri ta' *data* personali. Il-Bord huwa tal-fehma li l-ipproċessar ta' *data* ġenetika waħdu mhuwiex neċessarjament ta' natura li jirrappreżenta riskju għoli. Madankollu, jekk l-ipproċessar ta' *data* ġenetika jitwettaq flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor tkun meħtieġa DPIA. Bħala tali, il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża temenda l-lista tagħha skont dan, billi żżid b'mod espliċitu l-ipproċessar ta' *data* ġenetika flimkien ma' tal-anqas kriterju ieħor mal-lista tagħha, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 35(3) tal-GDPR.

## DATA TA' LOKALIZZAZZJONI

Il-Bord huwa tal-fehma li l-ipproċessar ta' *data* ta' lokazzjoni waħdu mhuwiex neċessarjament ta' natura li jirrappreżenta riskju għoli. Madankollu, jekk l-ipproċessar ta' *data* ta' lokazzjoni jitwettaq flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor tkun meħtieġa DPIA. Fil-preżent il-lista ppreżentata mill-Awtorità Superviżorja Portugiża għal opinjoni tal-Bord tirrikjedi DPIA meta jsir ipproċessar ta' *data* ta' lokazzjoni waħdu. Il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża biex temenda l-lista tagħha b'tali mod li mal-entrata li tirreferi għall-ipproċessar ta' *data* ta' lokazzjoni żżid li DPIA hija meħtieġa biss jekk dan isir flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor.

## IPPROĊESSAR GĦAL FINIJET XJENTIFIĊI JEW STORIĊI MINGĦAJR KUNSENS

Il-Bord huwa tal-fehma li l-ipproċessar ta' *data* personali għal finijiet xjentifiċi jew storiċi waħdu mhuwiex neċessarjament ta' natura li jirrappreżenta riskju għoli. Madankollu, jekk l-ipproċessar ta' *data* personali għal finijiet xjentifiċi jew storiċi jitwettaq flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor tkun meħtieġa DPIA. Il-lista, li ġiet ippreżentata mill-Awtorità Superviżorja Portugiża għal opinjoni tal-Bord, tippredvi li dan it-tip ta' pproċessar ikun soġġett għall-obbligu li ssir DPIA jekk jitwettaq flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor. Il-Bord jinnota l-inklużjoni ta' dan il-kriterju fil-lista.

## IPPROĊESSAR ULTERJURI

Il-Bord huwa tal-fehma li l-ipproċessar ulterjuri ta' *data* personali jenħtieġ li ma jkunx kriterju li jwassal għall-obbligu li titwettaq DPIA, la waħdu u lanqas flimkien ma' kriterju ieħor. Fil-preżent il-lista ppreżentata mill-Awtorità Superviżorja Portugiża għal opinjoni tal-Bord tirrikjedi DPIA għall-ipproċessar ulterjuri ta' *data* personali. Il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża temenda l-lista tagħha skont dan, billi tneħħi dan il-kriterju.

## EĊĊEZZJONIJIET MILL-OBBLIGU LI JIĠI INFORMAT IS-SUĖĖTTI TAD-DATA SKONT L-ARTIKOLU 14(5) TAL-GDPR

Fil-fehma tal-Bord, tipi ta' attivitajiet ta' pproċessar li jistgħu jċaħħdu lis-suĖġetti tad-*data* mid-drittijiet tagħhom, waħedhom ma jirrappreżentawx riskju għoli. Għaldaqstant, f'każijiet fejn l-informazzjoni li trid tingħata lis-suĖġetti tad-*data* tkun soġġetta għal eżenzjoni skont l-Artikolu 14(5)(b) sa (d), attività ta' pproċessar imwettqa mill-kontrollur skont l-Artikolu 14 tal-GDPR tista' tkun tirrikjedi DPIA biss jekk l-ipproċessar isir flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor. Fil-preżent il-lista ppreżentata mill-Awtorità Superviżorja Portugiża għal

opinjoni tal-Bord tirrikjedi DPIA għall-ipproċessar ta' *data* skont l-Artikolu 14(5)(b), (c) u (d) fih innifsu. il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża temenda l-lista tagħha billi żżid li DPIA hija meħtieġa biss flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor.

### MONITORAĠĠ TAL-IMPJEGATI

Il-Bord huwa tal-fehma li minħabba n-natura speċifika tiegħu, l-ipproċessar għall-monitoraġġ tal-impjegati, peress li jissodisfa l-kriterju ta' suġġetti tad-*data* vulnerabbli u ta' monitoraġġ sistematiku fil-linji gwida, jista' jkun jirrikjedi DPIA. Peress li l-lista ppreżentata mill-Awtorità Superviżorja Portugiża għal opinjoni tal-Bord diġà tippredvi li dan it-tip ta' pproċessar jirrikjedi valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*, il-Bord jirrakkomanda biss li ssir referenza espliċita għaż-żewġ kriterji tal-Linji Gwida WP248 tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29. Barra minn hekk, il-Bord huwa tal-fehma li l-Linji Gwida WP249 tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 jibqgħu validi għad-definizzjoni tal-kunċett ta' pproċessar sistematiku ta' *data* dwar l-impjegati.

### IPPROĊESSAR LI JSIR BL-GĦAJNUNA TA' IMPJANT

Il-Bord huwa tal-fehma li l-ipproċessar ta' *data* mhux tas-saħħa bl-għajnuna ta' impjant ma jeħtieġx DPIA f'kull ċirkostanza. Fil-preżent, il-lista ppreżentata mill-Awtorità Superviżorja Portugiża għal opinjoni tal-Bord ma tiċċarax li trid issir DPIA għall-ipproċessar ta' *data* tas-saħħa bl-għajnuna ta' impjant. Bħala tali, il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża temenda l-lista tagħha skont dan, billi tirreferi għall-fatt li fi kwalunkwe każ l-ipproċessar ta' *data* tas-saħħa bl-għajnuna ta' impjant jeħtieġ li ssir DPIA.

### INTERFAĊĊI TA' TAGĦMIR ELETTRONIKU PERSONALI MHUX PROTETT MINN QARI MHUX AWTORIZZAT

Il-Bord huwa tal-fehma li l-ipproċessar li jsir fil-kuntest tal-ġbir tad-*data* personali permezz ta' interfaċċi ta' tagħmir elettroniku personali, li mhumix protetti minn qari mhux awtorizzati, ma għandux ikun kriterju li jwassal għal obbligu li ssir DPIA, waħdu jew ma' kriterju ieħor. Peress li l-lista ppreżentata mill-Awtorità Superviżorja Portugiża għal opinjoni tal-Bord tippredvi li dan it-tip ta' pproċessar jirrikjedi valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*, il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża temenda l-lista tagħha skont dan.

### IPPROĊESSAR BL-UŻU TA' TEKNOLOĠIJA ĠDIDA / INNOVATTIVA

Fil-lista li ġiet ippreżentata mill-Awtorità Superviżorja Portugiża għal opinjoni tal-Bord huwa previst li l-użu ta' teknoloġija ġdida jew innovattiva waħidha jeħtieġ DPIA. Il-Bord huwa tal-fehma li l-użu ta' teknoloġija innovattiva waħidha mhuwiex neċessarjament ta' natura li jirrappreżenta riskju għoli. Madankollu, jekk l-użu ta' teknoloġija innovattiva jitwettaq flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor tkun meħtieġa DPIA. Għaldaqstant il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża biex temenda l-lista tagħha skont dan; l-ewwel nett billi tirreferi għat-teknoloġija innovattiva fil-lista tagħha u t-tieni billi żżid li l-entrata tirrikjedi DPIA biss jekk dan l-ipproċessar isir flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor.



### 3. Konklużjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

L-abbozz tal-lista tal-Awtorità Superviżorja Portugiża jista' jwassal għal applikazzjoni inkonsistenti tar-rekwiżit biex issir DPIA u hemm bżonn isiru l-bidliet li ġejjin:

- ) Rigward ir-referenza għal-linji gwida: il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża temenda d-dokument tagħha skont dan.
- ) Rigward id-*data* bijometrika: il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża biex temenda l-lista tagħha b'tali mod li mal-entrata li tirreferi għall-ipproċessar ta' *data* bijometrika għall-fini tal-identifikazzjoni ta' persuna fiżika b'mod uniku żżid li DPIA hija meħtieġa biss jekk dan isir flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor.
- ) Rigward id-*data* ġenetika: il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża temenda l-lista tagħha billi żżid b'mod espliċitu l-ipproċessar ta' *data* ġenetika flimkien ma' tal-anqas kriterju ieħor fil-lista tagħha.
- ) Rigward id-*data* ta' lokalizzazzjoni: il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża biex temenda l-lista tagħha b'tali mod li mal-entrata li tirreferi għall-ipproċessar ta' *data* ta' lokazzjoni żżid li DPIA hija meħtieġa biss jekk dan isir flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor.
- ) Rigward l-ipproċessar ulterjuri: il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża temenda l-lista tagħha skont dan, billi tneħħi dan il-kriterju.
- ) Rigward l-eċċezzjonijiet għall-informazzjoni li trid tingħata lis-suġġetti tad-*data* skont l-Artikolu 14(5) tal-GDPR: il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża temenda l-lista tagħha billi żżid li DPIA hija meħtieġa biss flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor.
- ) Rigward il-monitoraġġ fuq il-post tax-xogħol: il-Bord jirrakkomanda biss li ssir referenza espliċita għaż-żewġ kriterji tal-Linja Gwida WP248 tal-Grupp ta' Ħidma WP29.
- ) Rigward l-ipproċessar li jsir bl-għajnuna ta' impjant: il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża temenda l-lista tagħha billi tirreferi għall-fatt li huwa biss l-ipproċessar ta' *data* tas-saħħa bl-għajnuna ta' impjant li jeħtieġ li ssir DPIA.
- ) Rigward l-interfaċċi ta' tagħmir elettroniku personali mhux protett minn qari mhux awtorizzat: il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża temenda l-lista tagħha billi tneħħi r-referenza tal-ġbir ta' *data* personali permezz ta' interfaċi ta' tagħmir elettroniku personali li mhuwiex protett minn qari mhux awtorizzat mil-lista tagħha.
- ) Rigward l-ipproċessar bl-użu ta' teknoloġija ġdida jew innovattiva: il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Portugiża biex temenda l-lista tagħha; l-ewwel nett billi tirreferi għat-teknoloġija innovattiva fil-lista tagħha u t-tieni billi żżid li l-entrata tirrikjedi DPIA biss jekk dan l-ipproċessar isir flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor.

## 4. Kummenti tal-a□□ar

Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Comissão Nacional de Protecção de Dados (l-Awtorità Superviżorja Portugiża) u se tiġi ppubblikata skont l-Artikolu 64(5)(b) tal-GDPR.

Skont l-Artikolu 64(7) u (8) tal-GDPR, l-awtorità superviżorja għandha tikkomunika lill-President, permezz ta' mezzi elettroniċi fi żmien ġimagħtejn wara li tirċievi l-opinjoni, jekk hijiex se temenda jew iżżomm l-abbozz tal-lista tagħha. Fi żmien l-istess perjodu, hija għandha tipprovdi l-abbozz tal-lista emendat jew, meta ma jkollhiex ħsieb issegwi l-opinjoni tal-Bord, hija għandha tipprovdi r-raġunijiet rilevanti għaliex mhux biħsiebha ssegwi din l-opinjoni, b'mod sħiħ jew parzjalment.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Il-President

(Andrea Jelinek)